MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-17 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 170/2005

**Avviz numru 170/05DM**

**Stivala Wholesale Caterers Company Limited (C 5356)**

**Vs**

**Luna Catering Company Limited (C 27027)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta, ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u erbgha u hamsin lira Maltin u disghin centezmu (Lm1,654.90) rappresentanti ammont bilancjali lilha dovut ghall-merkanzija lilhom mibjugha u kkonsenjata fit-30 ta' Dicembru, 2004, u diversi dati qabel, kif jidher mill-istatement anness ma' l-Avviz u mmarkat Dok A.

Bl-ispejjez tal-prezenti, ta' l-ittri interpellatorji tat-8 ta' Marzu, 2005, u tas-16 ta' Marzu, 2005, u bl-imghax legali mit-30 ta' Dicembru, 2004, data ta' l-ahhar konsenja sal-

effettiv pagament kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma deherux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma deheru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat ukoll in-nota ta’ riduzzjoni pprezentata mis-socjeta’ attrici fis-seduta tal-lum stess, permezz ta’ liema nota s-sorte gie ridott ghas-somma ta’ mitejn u tnejn u sittin lira Maltin (Lm262).

Il-Qorti qieghda tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz ihallsu lill-atturi s-somma kif redotta ta’ mitejn, tnejn u sittin lira Maltin (Lm262) bl-imghaxijiet legali b’effett mit-30 ta’ Dicembru, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------